## Il-Ħadd, 10 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu. Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess. Min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier. U jekk titolbu xi ħaġa f'ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta' Ibnu. Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 14, versi 10b-14***

75

"Fit-talb
- u bl-insistenza li jagħmel fuqu -
Ġesù ma jridx ixejnu lill-bniedem,
ma jridx imewtu.
Ġesù ma jridx li aħna nsikktu
l-mistoqsijiet u x-xewqat ta' ġo fina
għax inkunu tgħallimna
nissaportu kollox.
Imma jrid
li kull tbatija u kull tħassib
norjentawhom lejn is-Sema
u jsiru djalogu.
Li jkollok il-fidi
- kien jgħid xi ħadd -
ifisser li tidra tokrob."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 12 Diċembru 2018

*Lil Alla ngħidlu bil-problemi tiegħi?*

*X'inhu li jaqtagħli qalbi f'li nkompli nitlob?*

# Li tħabbat kemm tiflaħ

Jekk hemm xi ħaġa, Mulej,
li Inti ma tridx li naqgħu fiha
hi li nkunu nies li ngħixu b'mod aljenat:
aljenati minn dak li ngħaddu minnu.
Inti stess tgħidilna
biex filwaqt li nħabbtu kemm nifilħu
fuq il-bieb tiegħek,
niġu għandek b'dak li jħabbatna u dak li jtaqqalna;
u dan b'fiduċja kbira fik
u f'Alla li ma jaqta' qatt li jkun Missier.
Ħallina nersqu lejk spiss.
Ħallina niddjalogaw miegħek,
jekk hemm bżonn nissaraw miegħek ukoll.
Ħallina nduqu minn issa
- bil-mod li Inti tara li jkun l-aħjar għalina -
xi ftit mill-benna tas-salvazzjoni tiegħek.

## It-Tnejn, 11 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lil Ġuda
(l-ieħor, mhux l-Iskarjota):
"Jekk xi ħadd iħobbni,
iħares kelmti,
u Missieri jħobbu,
u aħna niġu u ngħammru għandu.
Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi.
U l-kelma li qegħdin tisimgħu
mhijiex tiegħi,
imma tal-Missier li bagħatni.
Għedtilkom dan
meta għadni magħkom.
Imma d-Difensur,
l-Ispirtu s-Santu,
li l-Missier jibgħat f'ismi,
jgħallimkom kollox u jfakkarkom
dak kollu li għedtilkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 14, versi 23-26***

76

"L-Ispirtu s-Santu jistampa fil-qlub
ta' dawk li jemmnu u jfakkarhom
il-kelmiet li Ġesù qal, u, propju
permezz ta' dawn il-kelmiet,
il-Liġi ta' Alla - kif kienu ħabbru
l-profeti tat-Testment il-Qadim -
tiġi mnaqqxa fuq qalbna
u ssir fina prinċipju ta' valutazzjoni
fl-għażliet li nagħmlu
u ta' gwida fl-għemejjel ta' kuljum;
issir prinċipju tal-ħajja ...
Hi propju l-qalb li trid iddur lejn
Alla, u l-Ispirtu s-Santu jibdilha
jekk aħna nkunu lesti
li ninfetħu għaliH."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 15 Mejju 2013

# Imnaqqxa fuq il-qalb

*Lil Alla*
*nħalliH jikteb*
*fuq qalbi?*

*X'nagħmel*
*b'dak li jikteb*
*fuqha?*

L-Ispirtu tiegħek, Mulej,
lil kliemek
iressqu kemm jiflaħ lejn qalbna:
lil kliemek
jagħmlu kliem li jmiss il-qalb tagħna;
lil kliemek
jagħmlu kliem li jħoll lil qalbna;
lil kliemek
jagħmlu kliem li jaħdem fuq il-qalb tagħna;
lil kliemek
jagħmlu kliem li lill-qalb tagħna
jagħmilha tħabbat kif tħabbat il-qalb tiegħek;
lil kliemek
jagħmlu kliem li jimliena bit-Trinità Qaddisa.
Tħallina qatt sajmin
minn dan l-Ispirtu tiegħek.

## It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Jiena nħallilkom is-sliem;
nagħtikom is-sliem tiegħi;
ma nagħtihulkomx
kif tagħtih id-dinja.
Tħallux qalbkom titħawwad
u anqas titbeżża'.
Smajtu x'għedtilkom:
'Jiena sejjer
u nerġa' niġi għandkom.'
Kieku kontu tħobbuni,
kontu tifirħu
li sejjer għand il-Missier,
għax il-Missier hu akbar minni.
U għedtilkom dan minn issa
qabel ma jseħħ,
biex meta jseħħ temmnu."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 14, versi 27-29***

77

"Id-dinja tgħallimna t-triq tal-paċi
li tilluppjak. Tilluppjana biex
ma narawx realtà oħra tal-ħajja:
is-salib ...
Il-paċi li jagħtina Ġesù hija rigal:
hija don tal-Ispirtu s-Santu.
U dil-paċi tibqa' għaddejja
minn fost it-tribulazzjonjiiet,
u tibqa' miexja ... Hi paċi vera,
li tidħol fir-realtajiet tal-ħajja.
Hemm it-tbatija, hemm il-mard,
hemm tant affarijiet koroh,
hemm il-gwerer; imma dik il-paċi
ġewwinija tibqa' hemm filwaqt
li ġġorr ġo fiha s-salib u t-tbatija."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 16 Mejju 2017

*Ma' xiex*
*inħossni*
*li jien iggranfat:*
*ma' sliem*
*li jgħaddi*
*jew ma' sliem*
*li jibqa'?*

*Xi ftuħ għandi*
*għas-sliem*
*li jixtieq jagħtini*
*Kristu?*

# Mhux loppju!

Naf biżżejjed, Mulej,
kemm is-sliem li ma jkunx ġej minnek
huwa sliem li sempliċement jaljenani u jnessini.
Naf biżżejjed, allura,
li dak li jidher sliem ma jkun sliem xejn.
Is-sliem li tagħtini Int, Mulej,
huwa dik il-ħila speċjali
li nara kollox fid-dawl veru tiegħu,
forza li żżommni trankwill anki f'nofs il-problemi,
kapaċità li naċċetta lili nnifsi jien kif jien.
Is-sliem tiegħek
jgħinni ma nibżax mill-imgħoddi tiegħi,
jgħinni ngħix il-preżent tiegħi b'kuraġġ,
u jgħinni nittama fil-ġejjieni tiegħi b'fiduċja fik.
Agħtini dan is-sliem tiegħek, Mulej:
mingħajru ma ngħaddix!

## L-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn ... Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 15, versi 1-5. 8***

78

"Ġesù jrid ifiehmna kemm hu meħtieġ li nibqgħu magħqudin miegħu. Il-friegħi ma jistgħux ifendu għal rashom: jiddependu għal kollox mid-dielja, għax fiha hemm l-għajn ta' ħajjithom... Il-frott ta' din l-għaqda profonda ma' Ġesù hu tal-għaġeb: il-persuna tagħna tiġi mibdula mill-grazzja tal-Ispirtu. Nirċievu mod ġdid kif neżistu, il-ħajja ta' Kristu ssir tagħna: naħsbu u nġibu ruħna bħalu, naraw id-dinja u l-affarijiet ta' madwarna bl-għajnejn tiegħu. B'konsegwenza ta' hekk ... inwasslu fid-dinja frott ta' tjieba, mħabba u paċi."

PAPA FRANĠISKU, *Regina Coeli*, 3 Mejju 2015

*X'għaqda nħoss li għandi mal-Persuna ta' Kristu?*

*Hemm xi reżistenzi min-naħa tiegħi li jfixklu l-imħabba tiegħu għalija?*

# Frott

Kif nista', Mulej,
nagħmel il-frott li tridni nagħmel Inti
jekk jien ma nkunx magħqud miegħek?
Kif nista', Mulej,
nagħmel il-frott li tridni nagħmel Inti
jekk jien ma niħux minn dak li Inti Int?
Kif nista', Mulej,
nagħmel il-frott li tridni nagħmel Inti
jekk dak li nieħu mingħandek
ma nħallihx jibdilni minn fuq s'isfel?
Kif nista', Mulej,
nagħmel il-frott li tridni nagħmel Inti
jekk dak li nieħu mingħandek
ma nħallihx joħroġ minni
għal fuq l-oħrajn?
Kif nista'?

## Il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2020

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Kif ħabbni Missieri,
hekk ħabbejtkom jiena.
Ibqgħu
fl-imħabba tiegħi.
Jekk tħarsu
l-kmandamenti tiegħi,
intom tibqgħu fi mħabbti,
kif jiena ħarist
il-kmandamenti ta' Missieri
u qiegħed f'imħabbtu.
Għedtilkom dan
biex il-ferħ tiegħi
jkun fikom,
u biex il-ferħ tagħkom
ikun sħiħ."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 15, versi 9-11***



"Li tgħix fil-kurrent tal-imħabba ta' Alla u li tgħammar fih b'mod stabbli hija l-kundizzjoni biex imħabbitna ma titlifx il-ħerqa tagħha u l-kuraġġ. Aħna wkoll, bħal Ġesù u fih, jeħtiġilna nilqgħu bi gratitudni l-imħabba li tiġi mill-Missier, u nibqgħu f'din l-imħabba, waqt li nfittxu li ma ninqatgħux minnha bl-egoiżmu u d-dnub. Hu programm iebes iżda mhux impossibbli. Jeħtieġ li nirrealiżżaw li l-imħabba ta' Ġesù hija atteġġjament fundamentali tal-qalb, li tidher fil-ħajja li wieħed jgħix kif irid Hu."

PAPA FRANĠISKU, *Regina Coeli,* 6 Mejju 2018

*Kif inkun naf*
*jekk jien*
*inħaddanx*
*l-imħabba*
*ta' Kristu*
*jew le?*

*X'irrid nagħmel*
*biex nibqa'*
*fl-imħabba*
*tiegħu?*

# Stabbiltà

Għandek raġun, Mulej, tħeġġiġna
biex nibqgħu fl-imħabba tiegħek.
Inti taf kif aħna magħmulin:
taf kemm hu faċli għalina
li jerġa' jibdielna fuq kollox
anki fejn tidħol Int;
taf kemm hu faċli għalina
li nduru ma' kull riħ;
taf kemm hu faċli għalina li nħobbu bil-qies,
meta għandna aptit, skont ir-riħ.
Żommna fl-imħabba tiegħek, Mulej.
Żommna fl-imħabba tiegħek
li biha jibqa' jkollna l-għajn li minnha nixorbu
ħalli nkunu dak li Alla Missierek iridna li nkunu.
Żommna fl-imħabba tiegħek
ħalli nibqgħu nħalluha tkun in-nifs ta' ħajjitna.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Dan hu l-kmandament tiegħi:
li tħobbu lil xulxin
kif ħabbejtkom jien.
Ħadd ma għandu mħabba
akbar minn din:
li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.
Intom ħbiebi,
jekk tagħmlu
dak li jiena nikkmandakom.
Ma nsejħilkomx aktar qaddejja,
għax il-qaddej
ma jafx x'jagħmel sidu;
sejjaħtilkom ħbieb,
għaliex kulma smajt
mingħand Missieri
jiena għarrafthulkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 15, versi 12-15***



"Dawn il-kelmiet,
li ntqalu fl-Aħħar Ċena,
jiġbru fil-qosor
il-messaġġ kollu ta' Ġesù;
anzi jiġbru
dak kollu li Hu għamel:
Ġesù ta ħajtu għal ħbiebu.
Ħbiebu li ma kienux fehmuh,
li fil-mument l-iktar importanti
telquh, ittradewh u ċaħduh.
Dan jurina li hu tassew iħobbna
minkejja li ħadd minna
ma jistħoqqlu din l-imħabba:
daqshekk iħobbna Ġesù!"

PAPA FRANĠISKU,
*Regina Coeli*, 10 Mejju 2015

*Lil Kristu*
*nħalliH ikun*
*il-ħabib tiegħi?*

*Kif nixtieq*
*li ngħixha*
*dil-ħbiberija*
*tiegħu*
*miegħi?*

# Fuq livell wieħed

Inti, Mulej, iġġib ruħek magħna
daqslikieku ma taf xejn dwarna;
daqslikieku ma tafx bl-infedeltajiet tagħna.
Inti ġġib ruħek magħna
daqslikieku aħna u Inti
fuq livell wieħed qegħdin.
Imma Inti
ħaġa waħda tagħżel li tkun taf dwarna:
li, minkejja kollox,
aħna ta' min iħobbna;
aħna ta' min jitrattana ta' ħbieb;
aħna ta' min jinvesti ħafna fina;
aħna ta' min jaqsam magħna
dak li Inti taf dwar Alla l-Missier,
għax tridu wkoll li jkun Missierna.
Agħmel li din il-ħbiberija tkun tassew għal qalbna.

## Is-Sibt, 16 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk id-dinja tobgħodkom, kunu afu li lili bagħditni qabel ma bagħdet lilkom. Kieku intom kontu tad-dinja, id-dinja kienet tħobbkom bħalma tħobb dak li hu tagħha; iżda billi m'intomx tad-dinja, għax jien ħriġtkom mid-dinja, id-dinja tobgħodkom. Ftakru fil-kelma li għedtilkom: il-qaddej mhuwiex akbar minn sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll; jekk ħarsu l-kelma tiegħi, għad iħarsu tagħkom ukoll. Imma dan kollu għad jagħmluhulkom minħabba f'ismi, għax huma ma jafux lil dak li bagħatni."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 15, versi 18-21***

81

"Gesù għażilna u fdiena.
Għażilna purament bi grazzja.
Bil-mewt u l-qawmien tiegħu
fdiena mill-poter tad-dinja,
mill-poter tax-xitan,
mill-poter
tal-prinċep ta' din id-dinja.
L-oriġini tal-mibegħda huwa dan:
aħna salvati,
u dak il-prinċep tad-dinja,
li ma jridx li nkunu salvati,
jobgħodna
u jqajjem il-persekuzzjoni
sa mill-ewwel żminijiet ta' Ġesù
u għadu għaddej biha sal-lum."

PAPA FRANĠISKU,
*Medtazzjoni,* 4 Mejju 2013

*Kif inħares*
*lejn il-mibegħda*
*li d-dinja turi*
*lejn il-valuri*
*ta' Kristu?*

*Hemm*
*xi ħaġa fija*
*li turi traċċi*
*ta' mibegħda*
*bħal din?*

# Sal-lum

Sal-lum, Mulej,
għad hawn min ma jaħmilx
jarak iġġennen lin-nies għal warajk
biex tqabbadhom it-triq li tieħu għand il-Missier.
Sal-lum
għad hawn min ma jaħmilx jarak
bil-pjagi tiegħek għadhom inixxu
għas-salvazzjoni tal-bnedmin.
Sal-lum
għad hawn min ma jaħmilx
jarak tkun il-Ħellies veru tal-umanità.
Sal-lum
għad hawn min ma jaħmilx
jarak tagħti qalb ġdida lil min jgħid 'iva' għalik.
Imma dan ma jnaqqas xejn mill-fedeltà tiegħek
lejn il-ħolma ta' Alla li lid-dinja jsalvaha.